MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2003

Appell Civili Numru. 966/2001/1

**Anthony DeGiovanni bhala Sindku flimkien ma' Alex Grima bhala Segretarju ghan-nom u in rappresentanza tal-Kunsill Lokali Fgura**

**vs**

**Mark Lombardo, Charles Bonello, Alfred Debono, John Zammit bhala Editur tal-gazzetta "In-Nazzjoni Taghna"**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta' Novembru, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat is-26 ta' Novembru tas-sena 2001 li permezz tieghu l-atturi nomine sejhu lill-konvenuti

quddiem din il-Qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu ikkundannati:

1. Ihallsu lill-Kunsill attur dik is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti li ma teccedix il-hamest elef Lira Maltin (LM5,000.00,0) bhala danni ghall-malafama skond l-artikolu; 28 ta' l-Att dwar l-istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta) prevja d-dikjarazzjoni li permezz ta' l-ittra miktuba ghall-pubblikazzjoni mill-konvenuti Mark Lombardo, Charles Bonello u Alfred Debono intitolata "Xogholijiet fil-Fgura" ippubblikata mill-konvenut John Zammit bhala editur tal-gazzetta "In-Nazzjon Taghna" fil-harga tas-7 t'Awissu, 2001 ta' l-imsemmija gazzetta (fotokopja annessa u mmarkata Dok. A) partikolarment bil-kliem: "…Il-Kunsill Lokali Fgura naqas li jghamel konsultazzjoni pubblika dwar din il-materja u qed jinjora l-opinjoni pubblika dwar din il-kwistjoni" (fit-tielet paragrafu), illibellaw u mmalafamaw lill-Kunsill attur billi attribwew fatti determinati bi skop li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tal-Kunsill attur, u huma responsabbli ghal tali libel u malafama;

2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata d-19 ta' Dicembru tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenuti eccepew is-segwenti:

1. Illi l-pubblikazzjoni mhix libelluza billi tammonta ghal "fair comment";

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi sodisfatt is-suespost din il-Qorti ghaddiet biex tikkonduci din il-vertenza sommarjament ai termini ta' l-artikolu 28 (1) tal-Kap 248 u l-artikoli 47, 171 u 215 tal-Kap 12;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti lil taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-atturi nomine hassewhom illibellati u mmalafamati wara li fis-7 t'Awissu tas-sena 2001 il-gurnal ta' kuljum "In-Nazzjon Taghna" ippubblika ittra intitolata "Xogholijiet fil-Fgura";

2. Illi l-editur registrat ta' dan il-gurnal fil-perjodu in dizamina jirrizulta, ex admissis, li kien il-konvenut John Zammit;

3. Illi l-ittra in dizamina giet iffirmata mill-konvenuti Mark Lombardo, Charles Bonello u Alfred Debono;

Ikkonsidrat:

Illi in sintesi l-ittra in dizamina tippatrocina s-segwenti tezi:

1. Illi l-ittra nkitbet biex tikkoregi xi impressjonijiet zbaljati li setghu dehru f'artikolu precedenti rigwardanti xi xogholijiet f'diversi toroq fil-Fgura, fosthom Triq Hompesch;

2. Illi l-awturi ta' l-istess ittra sostnew li riedu jiccaraw il-fatt li l-intoppi li kienu jezistu f'dak iz-zmien dwar ix-xogholijiet fit-triq de quo kienu jezistu biss bejn il-kunsillieri Laburisti tal-lokal, kif immexxija mis-Sindku w id-Dipartiment tat-Toroq;

3. Illi dawn il-kunsillieri kienu ipproponew li parti mit-triq imsemmija ssir "one-way";

4. Illi din il-proposta la giet accettata mill-Bord li Jikkontrolla t-Traffiku, la mill-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku u lanqas mill-"GRTU";

5. Illi l-Kunsill tal-Fgura, allura kif immexxi mis-sindku Anthony Degiovanni, naqas li jaghmel konsultazzjoni pubblika dwar din il-materja;

6. Illi l-istess Kunsill qed jinjora l-opinjoni pubblika dwar l-istess kwistjoni;

7. Illi l-kunsilliera Nazzjonalisti fl-imsemmi Kunsill iheggu lid-Dipartiment tat-Toroq biex malajr kemm jista' jkun jibda x-xoghol fit-triq de quo;

8. Illi l-istess kunsilliera ndikati fil-paragrafu precedenti jappellaw lill-kunsilliera Laburisti biex iwarbu kull ghamad politiku u jahdmu fl-interess tal-lokalita';

Ikkonsidrat:

Illi l-editur konvenut isostni li hu kien qara l-ittra in dizamina qabel ma awtorizza l-pubblikazzjoni taghha;

Illi di piu' isostni wkoll li hu kien jaf bil-kwistjoni li kienet ghaddejja fuq it-Triq in kwistjoni;

Illi effettivament fid-deposizzjoni tieghu isostni wkoll li l-kumment li sar mill-awturi fl-ittra meritu ta' din il-procedura kien kumment gustifikat hafna;

Illi r-raguni ta' dan kienet li l-istess editur konvenut kien jaf li "…bl-ebda mod ma wiehed jista' jsostni li saret konsultazzjoni pubblika…";

Illi bhala editur ta' "In-Nazzjon Taghna" kien ukoll ircieva ittra responsiva ffirmata minn Anthony Degiovanni, Sindku, li kienet ippubblikata fl-edizzjoni tal-15 t'Awissu tas-sena 2001;

Ikkonsidrat:

Illi in sostenn tat-tezi taghhom li l-ittra in dizamina mhix libelluza peress li tammonta ghall-“fair comment”, l-awturi konvenuti jsostnu s-segwenti:

1. Illi l-Kunsill tal-Fgura naqas li jghamel konsultazzjoni pubblika dwar ix-xogholijiet in dizamina;

2. Illi permezz ta’ mozzjoni appozita datata l-24 ta’ Mejju tas-sena 2001, it-tlett kunsilliera Nazzjonalisti kienu talbu lill-Kunsill tal-Fgura biex issir laqgha pubblika fuq il-kwistjoni;

3. Illi fil-fehma tal-awturi konvenuti l-isforzi li l-Kunsill ghamel biex jivvaluta l-kwistjoni li kienet tqajmet fuq it-triq de quo ma kienux jammontaw ghall-konsultazzjoni pubblika;

Ikkonsidrat:

Illi l-atturi nomine isostnu li jhossuhom ingurjati u malafamati bl-ittra in dizamina fl-interezza taghha u dan ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi l-ittra de quo twaqqa’ ghar-redikolu l-Kunsill kollhu tal-lokal u konsegwentement tnaqqas mid-dinjita’ li kunsill lokali ghandu jkollu, specjalment mill-membri tieghu stess;

2. Illi l-ittra de quo, miktuba kif inhi minn kunsilliera attivi tmur kontra l-klawsoli 6.13 u 9.2 tal-Kodici ta’ Etika ghall-Kunsilliera Lokali ppubblikat fl-1995;

Ikkonsidrat:

Illi l-atturi nomine partikolarment joggezzjonaw ghas-segwenti:

1. Illi ghal dak li jirrigwarda l-posizzjoni ta’ Anthony DeGiovanni u l-allegata kwistjoni li kellu mad-Dipartiment tat-Toroq, l-attur nomine DeGiovanni jsostni li hu kien qed jagixxi fil-kapacita’ tieghu ta’ Sindku u a bazi

ta’ decizjonijiet li kienu jorbtu lill-Kunsill kollu u mhux f’ismu proprju;

2. Illi kemm l-Onorevoli Ministru responsabbli mit-toroq kif ukoll id-Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq espremew pubblikament li kienu qed isiru diskussjonijiet mal-Kunsill fuq it-triq de quo;

3. Illi l-oggezzjoni tal-Bord li Jikkontrolla t-Traffiku, ta’ l-Awtorita’ tat-Trasport Pubbliku u tal-“GRTU” imsemmija fl-ittra inkriminata ma tirrizultax;

4. Illi effettivament jirrizulta li la l-Bord li Jikkontrolla t-Traffiku u lanqas l-Awtorita’ tat-Trasport Pubbliku ma kienu kostitwiti fil-perjodu in dizamina;

5. Illi l-Kunsill ma jirrizultax li hu marbut b’xi obbligu ta’ konsultazzjoni pubblika kif inghatat l-impressjoni fl-ittra de quo;

6. Illi nonostante dan il-kwistjoni ta’ Triq Hompesch tqajmet f’laqgha pubblika organizzata mil-Kunsill fl-10 t’April tas-sena 2001 fejn intuza wkoll “overhead projector” ghall-ahjar espozizzjoni tal-fatti;

7. Illi f’din il-laqgha riferita fil-paragrafu precedenti kienu prezenti wkoll il-Kunsilliera tal-lokal-ovvjament inkluzi l-kunsilliera firmatarji ta’ l-ittra de quo;

8. Illi l-atturi nomine jsostnu bil-qawwa li effettivament kien kemm konsultazzjoni fir-rigward tal-progett de quo, u dan peress:

a. Illi l-progett fih in-nifsu nbeda bhala rizultat ta’ konsultazzjoni pubblika sa mill-1995;
b. Illi fuq inkarigu tal-Kunsill Lokali stess kien inkarigat “urban planner” ikkwalifikat biex jirredigi rapport fuq it-triq de quo;
c. Illi a bazi ta’ dan ir-rapport il-Kunsill seta’ ghalhekk jistabbilixxi l-politika urbana tieghu ghall-lokal;
d. Illi f’Novembru tas-sena 2000 dan l-ezercizzju ta’ konsultazzjoni pubblika gie ripetut, din id-

draba taht is-sorveljanza indipendenti ta' socjologu espert biex b'hekk il-Kunsill ikompli jsahhah il-politika urbanistika tieghu;

e. Illi l-Kunsill de quo kien ukoll qassam kwestjonarju fil-lokal flimkien ma' "self-addressed envelope" biex il-pubbliku hemm residenti jkollu l-opportunita' jesprimi l-posizzjoni tieghu fir-rigward;

f. Illi l-kwistjoni tat-triq de quo hi biss dettal meta wiehed jezaminha in relazzjoni mal-politika urbanistika tal-lokal fit-totalita' taghha;

g. Illi s-sindku tal-lokal kien invita lir-residenti biex jesprimu l-posizzjoni taghhom fir-rigward u ghamel hekk anke officjalment f'fuljetti mahruga mil-istess Kunsill, (ara Harga Numru 3 tal-fuljett "Kuntatt", edizzjoni Gunju/Lulju 2001, pagna numru 1 a fol 30);

h. Illi fil-11 ta' Gunju tas-sena 2001 il-Kunsill Lokali in kwistjoni organizza laqgha pubblika li ghaliha attendew diversi ghaqdiet fosthom tal-knisja, taz-zewg kunsilli ta' l-iskejjel, il-Kummissjoni ta' Persuni b'Dizabilita' u sidien tal-hwienet;

i. Illi effettivament ik-konkluzjonijiet ta' din il-laqgha indikata fil-paragrafu precedenti giet approvata f'laqgha tal-Kunsill ta' l-24 ta' Lulju tas-sena 2001;

j. Illi jidher li f'xi okkazzjoni precedenti meta ssejhet laqgha pubblika kien hemm diversi ezempji ta' theddid u atti ta' intimidazzjoni allegatament anke minn kunsilliera stess;

k. Illi l-imprekazzjoni li l-kunsilliera laburisti jwarrbu l-ghamad politiku biex jahdmu fl-interess tal-lokalita' hi ghal kollox malafamanti u ingurjuza;

Ikkonsidrat:

Illi f'dan l-istadju din il-qorti tirrileva li fil-mori tal-procedura ghamlet diversi tentattivi biex il-partijiet jesploraw il-possibilita' ta' rikonciljazzjoni izda l-isforzi taghha kienu ghal kollox inutili;

Ikkonsidrat:

Illi l-konvenuti eccepew li l-ittra in dizamina m'hix libelluza u tammonta ghal "fair comment";

Illi kif hu ritenut fl-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Individwu d-dritt ta' l-espressjoni:

"…shall include freedom to hold opinions and to receive and impart information and ideas…";

Illi kif gie ritenut fil-kaz Handyside vs Ir-Renju Unit (1976), dan id-dritt:

"…is applicable not only to "information" or "ideas" that are favourably received or regarded as unoffensive or as a matter of indifference, but also to those that offend, shock or disturb the State or any sector of the population. Such are the demands of that pluralism, tolerance and broad mindedness without which there is no "democratic society";

Ikkonsidrat:

Illi ghandu wkoll ikun pacifiku li l-iskop ewlieni ta' gazzetta hu li tippubblika informazzjoni u ideat fuq materja ta' interess pubbliku;

Illi ovvjament, ghandu jkun ukoll pacifiku li persuna li ssib ruha mxandra b'dan il-mod ghandha d-dritt li tipprotegi l-fama u r-reputazzjoni taghha minn manipulazzjoni skritta li timmolestah;

Illi ghalhekk f'dan l-istadju wiehed irid jiddistingwi bi kjarezza dak li hu indikat bhala "allegazzjoni ta' fatt", li fuqu jistrieh il-"fair comment" u dak li hu biss manipulazzjoni malinna bi ksur tal-Ligi ta' l-Istampa u ta' l-obbligi inkluzi fil-Konvenzjoni fuq riferita;

Illi a bazi ta' l-insenjament riprodott fid-decizjoni Reginald Miller vs. Harold Scory, (Volum XXXVI. IV. p. 843):

"…il-fatt ghandu jigi ppruvat. Il-"comment" biex ikun gustifikat irid ikun "fair and bona fide" u ma jistax ikun "fair

and bona fide" jekk il-fatt attribwit lill-kwerelant ma jkunx veru";

Ikkonsidrat:

Illi f'dan ir-rigward jrrizulta assodat li l-awturi konvenuti affermaw diversi fatti fil-konfront ta' l-atturi nomine li ma jirrizultawx konfortati mill-analizi fattwali, fosthom:

1. illi l-intoppi li kienu jezistu fuq it-triq in dizamina kienu limitati biss ghall-fatt li dawn kienu esklussivament jirrigwardaw lill-kunsilliera laburisti;

2. Illi l-proposti tal-kunsillieri kienu rifjutati mill-entitajiet li jirreferu ghalihom l-istess awturi fl-ittra taghhom meritu tal-kaz;

3. Illi l-Kunsill tal-Fgura naqas li jaghmel konsultazzjoni pubblika;

Illi a skans ta' ripetizzjoni inutli jigi ribadit s-segwenti:

1. Illi kwalunkwe azzjoni li setghet ittiehdet fil-konfront tat-triq in dizamina ittiehdet mill-Kunsill ikkoncernat a bazi tal-procedura stabbilita fl-istess Kunsill;

2. Illi l-entitajiet li ghalihom saret referenza fl-ittra de quo jirrizulta li tnejn minnhom lanqas biss kienu kostitwiti fil-perjodu in dizamina, u r-rimanenti kienet qed tigi regolarment konsultata mill-Kunsill tramite l-membri taghha fil-lokalita';

3. Illi jirrizulta abbundantement assodat li l-Kunsill de quo effettwa konsultazzjoni pubblika li jekk tissodisfax jew le lill-konvenuti hi immaterjali;

Ikkonsidrat:

Illi ghalhekk l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti tal-"fair comment" ma tistax tigi akkolta stante li l-fatti addebitati lill-atturi m'hux biss ma gewx ipprovati izda gie addirittura pprovat il-kuntrarju;

Illi ghalhekk il-kummenti esposti mill-konvenuti fl-ittra in dizamina ma jikkwalifikawx bhala “fair and bona fide” peress li l-fatti attribwiti lill-atturi nomine ma rrizultawx li huma veri;

Ghaldaqstant din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi li hi sodisfatta li l-atturi nomine pprovaw il-kaz taghhom skond il-ligi u filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti, takkolji t-talbiet attrici u:

1. Tiddikjara li l-ittra ppubblikata fl-edizzjoni tas-7 t’Awissu tas-sena 2001 tal-gazzetta “In-Nazzjon Taghna” intestata “Xogholijiet fil-Fgura” li ghaliha huma responsabbli l-konvenuti fuq indikati hi wahda libelluza u malafamanti fil-konfront ta’ l-atturi nomine fuq riferiti;

2. Taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet Vincent Borg vs. Victor Camilleri et datata l-15 ta’ Novembru ta’ l-1994 fejn gie ritenut is-segwenti:

“Id-danni li ghandha tillikwida l-Qorti ghall-hsara sofferta mill-atturi mhux soggetta ghal xi regoli bhal fil-kaz ta’ danni reali kkontemplati fil-Kodici Civili. Il-Ligi ta’ l-Istampa thalli l-likwidazzjoni tal-kumpens fid-diskrezzjoni kompleta tal-gudikant b’limitu ta’ LM2,000”, (liema limitu gie issa estiz ghall-ammont ta’ hames t’elef Lira Maltija, (LM5,000.00,0);

3. Illi in vista tal-premess din il-Qorti qed tissottolinea s-segwenti in mitigazzjoni:

1. Illi l-istess gurnal ippubblika ittra in risposta ghal dik meritu ta’ din il-procedura fl-ewwel okkazzjoni li pprezentat ruha;

2. Illi tibqa’ tawspika li s-sens komun jipprevali ghall-gid tal-komunita’ li l-Kunsill qed jiggestixxi f’isem il-kollettivita’;

3. Illi pero' qed tissottolinea wkoll is-segwenti in sostenn tal-piena li ser tinfliggi fuq il-konvenuti ai termini ta' Ligi ta' l-Istampa;

a. Illi l-fatti allegati fl-ittra in dizamina ma gewx ipprovati;

b. Illi l-konvenuti awturi ta' l-ittra de quo, peress li bhala kunsilliera kienu parti integrali mill-proceduri kollha mehuda fir-rigward, kienu a konoxxenza tal-fatti kif realment avveraw ruhhom;

c. Illi l-ittra in dizamina timmina serjament il-kredibilita' ta' persuni li jersqu biex jirrapprezentaw lill-komunita' f'ezercizzju hekk serju tal-principju tas-sussidjarjeta';

d. Illi ghalkemm gew mistiedna jesploraw il-possibilita' ta' xi forma ta' transazzjoni ai termini tal-Ligi ta' l-Istampa l-konvenuti baqghu intransigenti;

4. Tikkundanna lill-konvenuti Mark Lombardo, Charles Bonello, Alfred Debono u John Zammit biex in solidum ihallsu lill-atturi nomine Anthony DeGiovanni u Alex Grima l-ammont komplessiv ta' elfejn Lira Maltija, (LM2,000.00,0), bl-ispejjez ta' din il-procedura."

Il-konvenuti sokkombenti f'dan il-gudizzju appellaw minnu bl-aggravji dettaljati taghhom illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament skorrett tal-fatti u, ergo wkoll, ikkonkludiet zbaljatament fuq l-istess fatti. Huma jissottomettu wkoll illi l-istess Qorti applikat hazin il-ligi u li f'kull kaz, il-quantum tad-danni likwidat kien wiehed eccessiv.

Jixraq fl-ewwel lok illi jigi sottolinejat illi f'kazijiet ta' libelli, l-bixra ta' hsieb ta' dawn l-ahhar snin, fuq l-istregwa ta' decizjonijiet tal-Qorti Ewropeja, kienet artikolata fis-sens illi fl-analizi tal-fatti u l-gudizzju dwarhom kellu jinzamm bilanc bejn l-interessi tal-persuna, fis-sens l-aktar ampju tal-kelma, li jipprotegi r-reputazzjoni u l-integrita` tieghu, u l-interess pubbliku li jkun informat fuq materji li

legittimament jolqtu d-divulgazzjoni ta’ informazzjoni dwar materji li jikkoncernaw l-opinjoni pubblika.

Kif ritenut drabi ohra “l-gurisprudenza in materja zviluppat ulterjorment l-aktar favur il-liberta` tal-istampa bhala manifestazzjoni tad-dritt fondamentali tal-espressjoni u bhala ghodda mehtiega fl-izvilupp demokratiku ta’ pajjiz. Naturalment kien u ghadu principju tad-dritt illi l-malafama voluta permezz ta’ addebiti ta’ fatti foloz mahsuba biex inaqqsu l-gieh u l-fama tal-persuna illi lejha tkun diretta baqghet censurabbli u punibbli fil-ligi.  Gew pero` mwessa’ notevolment il-limiti li fihom kienu arginati l-kummenti fuq fatti addebitati lill-figuri pubblici liema fosthom il-politici. Fil-konfront taghhom hafna issa hu aktar tollerat minn qabel in omagg tal-principju illi d-dibattitu pubbliku fuq materji ta’ interess kellu jinghata spazju mill-aktar wiesa’ anke jekk a skapitu ta’ inkonvenjenzi anki gravi lill-persuni pubblici nvoluti b’konsegwenza ta’ kritika harxa, wkoll kultant ingusta” – “**Dr. Alfred Sant –vs- Arnold Cassola et**”, Appell, 23 ta’ April 2001.

Certament il-Kunsill Lokali attur ma jistghax ma jitqiesx organu pubbliku, u allura, kif fuq imfisser, fil-konfront tieghu l-parametri tal-kritika dwar l-operat tieghu ghandhom spazju aktar wiesgha.

Ghal dawk li huma fatti li taw lok ghal kawza jidher li dawn gew korrettement ri-epilogati fis-sentenza appellata, u allura ma ghandhomx ghalfejn jigu mtennija.

Kwantu ghall-aggravji dawn iridu jigu ezaminati fil-kuntest tal-unika eccezzjoni moghtija mill-konvenuti illi l-kitba kienet “fair comment”.  Eccezzjoni din li kienet timporta l-kostatazzjoni ta’ dawk l-aspetti tal-kitba, li l-atturi nomine qiesu bhala malafamanti, kienet bazata fuq allegazzjoni ta’ fatti li kienu sostanzjalment veri fil-kompletezza taghhom.  Ara a propozitu decizjoni fl-ismijiet “**Angelo Fenech pro et noe –vs- Anthony Montanaro et noe**”, Appell Civili, 21 ta’ Jannar 1993.

Jinsab opinat mill-**Gatley** “on Libel and Slander”,  Seventh Edition, para 719:   “A writer may not suggest or invent

facts, or adopt as true the untrue statements of fact made by others, and then comment on them on the assumption that they are true. If the facts upon which the comment purports to be made do not exist, the defence of fair comment must fail".

Huwa indubitat illi l-accertament tal-fatti, l-apprezzament u l-valutazzjoni dwarhom, huma rizervati lill-gudikant. U allura, bhal f'kull kaz iehor din il-Qorti ta' revizjoni normalment ma tindahalx jekk issib li l-apprezzament huwa ezenti minn vizzji logici.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi u ma ssibx li m'ghandhiex taqbel mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti fis-sens tal-motivazzjoni illi l-fatti fil-kitba nkriminanti ma kienux jirrispekkjaw il-verita`.

F'materja ta' responsabilita` civili ghad-diffusjoni ta' nformazzjoni bil-mezz stampat, wiehed irid izomm dejjem in mira fl-analizi tal-kaz partikolari dawn l-aspetti:-

(i) ir-rikostruzzjoni oggettiva tal-fatti;
(ii) il-valutazzjoni tal-kontenut tal-kitba;
(iii) id-dritt tal-kritika li kif minn dejjem gie awspikat ghandha tkun espressa fir-rispett tar-rekwizit ta' certa kontinenza u, ghaldaqstant, f'termini korretti u mizurati b'mod li ma titraxxendiex f'attakki personali virulenti.

Dan ifisser illi ghall-iskop tal-iskriminanti huwa necessarju li l-istampat ikun jikkontjeni mhux biss il-verita` oggettiva tal-fatti izda wkoll il-korrettezza formali tal-esposizzjoni taghhom. Huwa impellenti ghalhekk illi qabel il-pubblikazzjoni l-fonti tal-istess fatti tigi diligentament valjata ghall-fini tal-attendibilita` taghhom.

Il-fuq specifikati presupposti, tista' tghid, huma konkordament ricevuti fil-gurisdizzjonijiet normalment segwiti mit-tribunali taghna.

F'dik Ingliza jinghad illi "to succeed in a defence of fair comment the words complained of must be shown to be

(i) comment (ii) fair comment and (iii) fair comment on some matter of public interest" (Gatley, op.cit.para 704).

Hekk ukoll fis-sistema guridika Taljana skond decizjoni tal-Qorti tal-Cassazione tal-25 ta' Mejju 2000, Numru 6877, jehtiegu wkoll tliet elementi precizi, u cjoe, li "(i) i fatti esposti sono veri, (ii) vi e` un interesse pubblico alla conoscenza del fatto u (iii) vi sia correttezza formale dell'esposizione che non travilichi lo scopo informativo".

Mhux kontestat fil-kaz de quo illi fl-mument rilevanti l-Kunsill Lokali tal-Fgura kellu maggoranza ta' kunsilliera laburisti mentri tlieta mill-konvenuti kienu kunsilliera nazzjonalisti fl-istess Kunsill. Huwa ghalhekk prezunt illi dawn tal-ahhar suppost li kellhom ir-reponsabilita` huma wkoll, bhala rapprezentanti tal-elettorat lokali, li jekk riedu jesprimu l-fehma taghhom fuq suggett partikolari dan kellhom jaghmluh fl-ambitu` tar-rispett tal-Kodici ta' Etika ghall-Kunsilliera Lokali u, fuq kollox, illi l-fattijiet minnhom rapprezentati fl-ittra taghhom kellhom jikkorrispondu ghall-verita` u mhux jaghmlu uzu minn fatti inkompleti jew inveritiera bl-iskop uniku li jattakkaw lill-kunsillieri shabhom ta' fidi politika diversa b'"ghamad politiku" biex bhal speci jinsinwaw li dawn ma kienux qed jahdmu fl-interess tal-lokalita` taghhom.

Gja gie ampjament espost illi wiehed ghandu jzomm quddiem ghajnejh illi fejn l-informazzjoni tipprezenta profil indiskutibbli ta' interess pubbliku din tipprevali fuq konsiderazzjonijiet soggettivi tal-parti kritikata. Dan komplimentari mal-gustifikazzjoni tal-ezercizzju tad-dritt ta' kronika. Filwaqt li dan hu hekk rikonoxxut u moghti harsien, ciononostante jibqa' dejjem jimpera l-principju "illi l-liberta` tal-istampa ma timplikax licenzja ghall-ingurji b'addebiti ta' fatti foloz intizi biex ihammgu l-fama u l-integrita` ta' haddiehor u ppubblikati minghajr l-icken sforz ta' verifika" – "**Onor. Perit Charles Buhagiar –vs- Ray Bugeja nomine**", Appell, 25 ta' Mejju 2001.

Tajjeb li jigi osservat b'risposta ghall-certu kumment fir-rikors tal-appell illi din l-ahhar precitata sentenza ssoktat tippuntwalizza illi "f'sitwazzjoni simili indubbjament l-

appellant ma jistax jippretendi illi seta' jezimi ruhu mir-responsabilita` ghall-malafama minnu kommessa billi jippretendi li l-attur seta' dejjem kiteb lill-editur tal-gazzetta u jitlob li tigi pubblikata rettifika.  Dan ir-rimedju, illi l-ligi wkoll tipprevedi, ma kien bl-ebda mod jissostitwixxi jew jaghmel tajjeb ghad-dritt li persuna malafamata kellha ghar-rizarciment tad-danni.  Dan ghaliex pajjiz demokratiku kien jixraqlu illi jkollu stampa hielsa imma stampa responsabbli li kienet obbligata wkoll, illi entro l-limiti stabbiliti, topera fir-rispett xieraq tal-persuni li jattiraw l-attenzjoni taghha bhala oggett ta' kritika jew kumment".

Dan iwassal ghall-ahhar aggravju sollevat mill-appellanti fir-rigward tad-danni likwidati mill-ewwel Qorti u li huma jikkritikaw bhala esagerat u sproporzjonat ghal meritu tal-kawza.

Wiehed jifhem illi dak li jridu jghidu l-appellanti hu li l-ammont prefiss f'danni jeccedi anke l-latitudni "as any set of reasonable man would be permitted to indulge" ("**Landell –vs- Landell** " [1841]).

A propozitu l-**Gatley** jafferma (op. cit para 1427) illi d-danni ghandhom  jigu mizurati skond it-test tar-ragjonevolezza dipendenti fuq ic-cirkostanzi kollha tal-kaz konkret.  "In judging the reasonableness of the amount a reasonable proportion must exist between the sum awarded and the circumstances of the case".

Fil-kaz "**Carmel Tonna et –vs- Felix Agius et**", deciza fit-23 ta' Marzu 1993 (**Vol LXXVII pII** p87) il-Prim'Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Onor. Imhallef Joseph Said Pullicino, kienet irriteniet li kellha tinzamm sens ta' proporzjon in materja tal-likwidazzjoni tad-danni.  Kienet il-fehma taghha illi "l-azzjoni ta' libell, biex tkun verament effikaci u gusta, ghandha tigi adoperata b'gudizzju u cirkospezzjoni, tenut kont ta' l-ingurja, il-gravita` taghha, lejn min tkun diretta u lil min tkun mahsuba tilhaq u x'danni konsegwenzjali diretti jew indiretti tista' tiggenera".

Fl-ambitu ta’ dan it-taghlim hi l-fehma konsiderata tal-Qorti illi tabilhaqq l-aggravju hu wiehed fondat in kwantu l-ammont tad-danni likwidati f’dan il-kaz, konsiderati t-test tar-ragjonevolezza u tal-proporzjonalita`, huwa bil-wisq superjuri fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz partikolari. Il-Qorti ghalhekk ittendi biex taqbel li hemm lok ghat-temperament taghhom tenut rigward tal-kontest tal-“gravita” u taz-zmien li fih saret l-ingurja.

Fic-cirkostanzi tal-kaz jidher li d-danni fl-ammont ta’ sitt mitt lira Maltija (Lm600) jkunu adegwati u allura f’dan is-sens din il-Qorti ser tirriforma s-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddisponi mill-appell interpost billi tilqghu biss fir-rigward tal-ammont tad-danni likwidati mill-ewwel Qorti. Dan fis-sens illi qed tirreducihom fis-somma ta’ sitt mitt lira Maltija (Lm600). Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti appellanti ihallsu lill-appellati nomine dan l-ammont hekk issa likwidat bl-interessi dekorribbli mil-lum, u allura f’dan is-sens tirriforma s-sentenza appellata. Ghall-kumplament u fil-meritu l-istess sentenza appellata qed tigi konfermata.

L-ispejjez tal-ewwel istanza ghandhom jibqghu kif gja decizi mill-ewwel Qorti. Dawk tal-istanza prezenti ghandhom jigu sopportati kwantu ghal tliet kwarti mill-appellanti u kwantu ghal kwart mill-appellati nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------